# Il-Ħamrun

# Ir-rabta mal-Marsa Tifkiriet u Riflessjonijiet ta' Anton Cassar

**Il-ħbieb tiegħi ġurnalisti Raymond Sammy Sammut u Mario Azzopardi, żewġ ħaddiema ħabrieka fil-Każin tal-Banda San Gejtanu tal-Ħamrun, talbuni biex nagħmel il-ħsibijiet tiegħi fil-Ktieb tal-Festa li l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu qed toħroġ din is-sena.**

Għalhekk ġieni l-ħsieb li nikteb dwar ir-rabta li hemm bejn il-Marsa u l-Ħamrun u r-rabta u t-tifkiriet li jiena personalment għandi mal-Ħamrun.

## Il-Marsa ħarġet mill-Ħamrun

L-art li fuqha llum hemm iż-żewġ parroċċi tal-Marsa, dik tas-Santissima Trinità u dik ta' Marija Reġina, kienet tagħmel parti minn tliet parroċċi ta' madwarha - Ħal-Qormi, Raħal Ġdid u l-Ħamrun. Meta saret l-ewwel parroċċa fil-Marsa fl-1913, dik tas-Santissima Trinità, il-biċċa l-kbira ta' l-art tagħha ittieħdet mil-limiti parrokkjali tal-Ħamrun. Dan kien fi żmien il-Kappillan tal-Ħamrun, Dun Ġużepp Muscat.

Il-Ħamrun stess kien għadu lanqas għalaq l-40 sena bħala parroċċa meta minnu ħarġet il-parroċċa tal-Marsa. Il-Ħamrun kiber tassew u l-iktar lejn in-naħa tal-Marsa. Patri Donat Spiteri O.F.M. Cap. fil-ktieb tiegħu **'Il-Marsa - Storja ta' Ħamsin Sena'** (1913-1963), jikteb hekk: **"Lejn in-naħa tal-Marsa, l-aktar minħabba x-xogħlijiet tax-xatt, triqat sħaħ bdew jinfetħu fil-bini li f'qasir żmien beda tiela'".**

L-ommijiet u l-missirijiet tat-tfal tal-generazzjoni tiegħi tista' tgħid li kollha tgħammdu fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu. Għalhekk, ommi, għalkemm ta' nisel Għawdxi u mwielda l-Marsa, tgħammdet fil-knisja ta' San Gejtanu, il-Ħamrun. Missieri kien mill-Belt imma meta ħa lil ommi u l-ftit snin li għamel il-Marsa, kien ukoll jieħu sehem f'xi għaqdiet li kien hawn il-Marsa.

Fid-djarju tiegħu, fid-data tal-5 ta' Mejju, 1925, kiteb: **"Myself, Pawlinu, Gustav, John the farmer and John Hili, five of us, went up to interview the Hamrun Committee. We were highly esteemed and recognised as a new and flourishing committee".**

Missieri, fil-paragrafu msemmi hawn fuq, ma jgħidx ta' xhiex kien dan il-kumitat, iżda iktar qabel, fl-istess djarju tiegħu, fit-12 ta' April, 1925, kiteb hekk: "**...put my name to join the 3rd Order of St. Francis**", u għalhekk jista' jkun li dak il-kumitat kien tat-Terz'Ordni Franġiskana, għaliex l-irġiel li jsemmi f'dak il-kumitat, naf li kienu kollha Terzjarji u nzertajt nafhom sew. Illum kollha mejtin.

Kumbinazzjoni, Pawlinu Galea jiġi missier il-mara tiegħi: Gustav Cassar kien raġel tas-sengħa fl-elettriku u ħadem kemm fit-tram u kemm fil-lift tal-Barrakka ta' Fuq. John the farmer kien Ġanni Grech ta' Sidor, li hu u niesu kienu bir-razzett fuq l-Għolja tal-Ġiżwiti. Wara, fi żmieni, Ġanni Grech kien ukoll magħna fl-ewwel kumitat tal-Każin tal-Banda Trinità Qaddisa fil-kariga ta' kaxxier.

Ġanni Hili, li jiġi n-nannu ta' Lino Hili ta' l-inkwatri tal-Ħamrun, kien ukoll għal xi żmien membru fil-kumitat tal-Każin tal-Banda Trinità Qaddisa u kien wieħed li kien jorganizza r-reċti teatrali, fil-bitħa tal-każin, meta konna għadna fi Triq is-Sajjieda. Għalhekk naraw li r-rabta bejn il-Marsa u l-Ħamrun hija dejjem qawwija!

## L-inħawi tal-Marsa qrib il-Ħamrun

X'ġara wara li l-Marsa saret parroċċa? Bil-mod il-mod, il-parroċċa bdiet tieħu l-identità tagħha, imma bil-mod il-mod. Tista' tgħid li dawk kollha fil-Marsa li kienu jgħixu fit-toroq u fl-inħawi fruntiera mal-Ħamrun, għalkemm kienu mill-Marsa, kienu jħossuhom iktar mill-Ħamrun milli mill-Marsa. U dan minħabba rabtiet ta' qabel u minħabba li kienu qrib ħafna lejn il-Ħamrun u wkoll 'il bogħod mill-knisja ġdida tas-Santissima Trinità li kienet għadha kemm inbniet.

Jiena niftakar lil Toni Bugeja, ir-Rikka, li kien wieħed minn ta' l-ewwel fil-Każin tal-Banda tagħna tat-Trinità Qaddisa, jgħid li l-Marsa hija mill-imħażen tal-Moll ta' Pinto sa Portu Novu u sa Ras Ħanżir. Dik kienet il-Marsa. Lejn in-naħa ta' fuq, in-nies kienu jew Ħamruniżi jew Qriema jew Furjaniżi. Imbagħad, fi Triq Miggiani u fi Triq is-Salib, taħt fejn qabel kien hemm iċ-ċimiterju tal-Blata l-Bajda, kien hemm ħafna Furjaniżi, ħafna minnhom Ingliżi miżżewġa nisa Maltin. Ukoll fi Triq Zerafa kien hemm Ingliżi li żżewġu nisa mill-Marsa u l-kunjomijiet Ingliżi tagħhom għadhom jeżistu sal-lum.

Toni r-Rikka kien Għawdxi minn Għajnsielem u kien joqgħod qrib il-Menqa tal-Marsa fejn kienu ġew joqgħodu ħafna Għawdxin, fosthom niesi. Dawn kienu nies tal-baħar u ħaddiema tax-xatt. Toni r-Rikka, barra li kien fratell tas-Sagrament, kien ukoll ħabrieki ħafna fir-Regatta tal-Marsa.

Il-biċċa l-kbira ta' l-abitanti tal-Marsa, speċjalment tan-naħa t'isfel, kienu ħaddiema u l-kundizzjonijiet soċjali tagħhom ma kienux sbieħ. Imbagħad il-Marsa kienet post tax-xogħol, tal-ħama fil-portijiet tagħha u tal-faħam u kellha isem ħażin. Ħafna, minħabba f'hekk u wkoll minħabba l-injoranza u nuqqas ta' edukazzjoni, kienu jistħu jgħidu li huma mill-Marsa. U dawk li kienu joqgħodu qrib il-Ħamrun kienu jgħidu li huma mill-Ħamrun.

## It-toroq li jagħtu għall-Marsa

Ħafna mit-toroq li jinżlu mit-Triq il-Kbira jew Triq il-Kbira San Ġużepp tal-Ħamrun lejn il-Marsa, kienu baqgħu jagħmlu mal-parroċċa tal-Ħamrun, u xi wħud minnhom għadhom jagħmlu mal-parroċċa tal-Ħamrun sal-lum, bħan-naħa ta' fuq ta'

Triq San Tumas u Triq Żimelli. Issa f'dawn it-toroq għadek issib nies li huma akkaniti kbar għall-festa ta' San Gejtanu imma mbagħad jmorru l-Knisja tas-Santissima Trinità, għaliex kienet saret l-eqreb minn mindu Patri Feliċjan kien talab u qala' mingħand il-Gvern biex isir il-pont ta' Triq San Tumas.

Patri Feliċjan kien ġellied kbir għall-Marsa u kien anki qed jitħabat biex it-toroq li jinżlu minn Triq Irjali tal-Ħamrun jkunu fil-parroċċa tiegħu. Ħafna nies li jinsabu f'dawn it-toroq tal-Ħamrun, mhux biss imorru l-quddies fil-parroċċa tal-Marsa, imma ssib minnhom li huma attivi wkoll f'din il-parroċċa. Għalhekk insibu li t-taħlit bejn iż-żewġ parroċċi hu kbir mhux biss fiż-żwiġijiet, imma wkoll fil-ħidma soċjali u ta' l-għaqdiet kif naraw iktar 'il quddiem.

Meta l-Marsa saret parroċċa, Triq Ħal-Qormi, minn fejn Okella Agius sa ħdejn l-Erbgħa Qaddisin, saret il-fruntiera ta' bejn iż-żewġ parroċċi u n-naħa tax-xellug ġiet mal-Marsa u n-naħa tal-lemin mal-Ħamrun. Fl-1913, meta l-Marsa saret parroċċa, dik li dak iż-żmien kienet Strada Quaranta (illum Triq Isouard), kienet ġa nbniet, bħalma kienu nbnew it-toroq li jagħmlu magħha, bħalma kienet diġà nbniet Vija Marsa.

In-nies li kienu joqgħodu f'dawn l-inħawi kienu mbiegħdin mill-knisja parrokkjali tas-Santissima Trinità u kienu jħossuhom maqtugħa minnha. Ħafna minn dawn in-nies kienu jmorru fil-knisja tal-Madonna tas-Samra, fi Triq Atoċja, jew fil-knisja ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Għalhekk Patri Feliċjan Bilocca kien ta bidu għall-bini tal-knisja tal-Madonna tad-Dmugħ, li 26 sena ilu saret it-tieni parroċċa tal-Marsa, dedikata lil Marija Reġina.

Qabel ma saret din il-parroċċa, niftakar lill-Patri Donat Spiteri, li hu mill-Marsa wkoll u li kien sar Kappillan tal-Parroċċa tas-Santissima Trinità wara Patri Feliċjan, li kien jgħid: **"Meta nidħol inbierek fid-djar ta' l-inħawi tal-Marsa tan-naħa ta' fuq, kont insib imdendel mal-ħitan ir-ritratt ta' Dun Mattew Chircop, il-kappillan tal-Ħamrun".** U iva kont ngħidlu jien: **"dak mhux mill-Marsa?"**

Dik il-ħabta, it-tliet kappillani tat-tliet lokalitajiet li jħarsu lejn il-Furjana u l-Belt, il-Marsa, il-Ħamrun u l-Imsida kellhom bħala kappillani, saċerdoti mill-Marsa: Patri Donat Spiteri, Dun Mattew Chircop u Dun Ġużepp Pace. U sal-bieraħt lura, il-Kappillan tal-Parroċċa ta' San Gejtanu kien Dun Ġużepp Pace ieħor, saċerdot mill-Marsa, li llum hu kappillan tal-parroċċa ta' San Publiju fil-Furjana.

## Nies mill-Marsa li ħadmu fl-oqsma tal-Ħamrun

U dan iġibni biex ngħid illi ħafna nies mill-Marsa ħadmu fl-oqsma tal-Ħamrun fl-imgħoddi u għadhom jaħdmu sal-lum u viċi-versa. Għadni kemm semmejt lill-Monsinjur Dun Mattew Chircop li l-familja tiegħu kienet toqgħod Vija Marsa, f'dak li llum semmejna Misraħ Ġian Franġisk Abela. Meta kont tifel u abbati fil-knisja tal-Marsa, lil Dun Mattew niftakru liebes kollu l-iswed, b'kappell iswed bir-rixa bajda u bix-xabla mdendla. Kien wieħed minn dawk li kienu jilbsu ta' Kavallieri u jakkumpanjaw fil-purċissjoni tas-Santissima Trinità li kienet issir bis-Sagrament Imqaddes.

Illum nista' nsemmi lill-ġurnalista ħabib tiegħi Raymond Sammy Sammut, li stedinni biex nagħmel din il-kitba u li hu mill-Marsa u joqgħod fil-parroċċa ta' Marija Reġina imma li hu attiv fl-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu tal-Ħamrun.

Jiena ma nħobbx il-piki esaġerati tal-festi u lanqas piki oħra fl-isport, imma ejjew

ngħiduha kif inhi, ftit tal-pika ġie li qamet bejn il-Marsa u l-Ħamrun, l-iktar fil-futbol u meta xi snin ilu konna nilgħabu kontra xulxin, l-Empire Stadium kien jixgħel ħuġġieġa waħda ta' kuluri u ta' entużjażmu mill-partitarji taż-żewġ naħat. Qiegħed nitkellem dwar iż-żmien meta Luciano Gatt kien President tal-Marsa Football Club u niftakar li konna niltaqgħu fl-enclosure ta' l-Empire Stadium, naraw il-logħba, Luċjan, Patri Anġeliku Vella O.P., l-Imħallef Ċensu Scerri u jien. M'għandniex xi ngħidu jien kont nissapportja t-team tiegħi, il-Marsa.

B'danakollu, meta kont għadni iktar żagħżugħ u l-Ispartans kienu fil-furja tagħhom minnufih wara l-gwerra, jiena bħal ħafna tfal mill-Marsa, konna supporters tagħhom. Dan kien it-team li fih kienu jilgħabu Landolina, Buttigieg, Żużu Sciberras il-Qomos, Lewis Portelli, Nenu Taliana u oħrajn. Iż-Żużu Sciberras kien mill-Marsa u kien ġej minn familja ta' footballers. Zijuh kien Salvu Sciberras, is-Sloj. U dan mhux l-uniku player mill-Marsa li kien jilgħab mal-Ħamrun.

Kien hemm oħrajn bħalma għad hemm oħrajn. Fost dawk li lagħbu mal-Ħamrun biżżejjed insemmi l-player mill-Marsa Raymond Vella, il-Mundu li għamel isem bħala player intelliġenti u għal ħafna snin Captain tat-team nazzjonali. U għalhekk, jiena fil-Ballata tal-Marsa, għannejt li dawn il-players Marsin **"mixtla kienu għal teams oħra tal-pajjiżi ġirien tagħna".**

U ġie żmien, meta, waqt li konna nkunu qegħdin niċċajtaw ma' sħabna mill-Ħamrun, konna ngħidulhom: **"Għandkom Kappillan mill-Marsa, ħafna mill-players fit-team tagħkom huma mill-Marsa, ħafna mit-tfajliet tal-Kor ta' Dun Ġużepp Cachia huma mill-Marsa, għandkom mill-inqas żewġ qassisin oħra (Dun Frans Camilleri u Dun Karm Portelli) li huma mill-Marsa u ħafna mis-soċji fil-każin t'isfel tat-Tamal huma mill-Marsa!"**

Imma l-ħaġa hija nversa wkoll, għaliex nies mill-Ħamrun ġew jaħdmu fil-qasam tal-Marsa wkoll. Biżżejjed insemmu lil Dun Ġorġ Preca u lil Fra Diegu li l-ħidma tagħhom spiritwali u ta' ġid infirxet mill-Ħamrun għall-Marsa wkoll. Imbagħad kien hemm Joseph Pace, Joseph Mizzi u George Camilleri li mill-Iscouts tal-Ħamrun ġew jaħdmu fil-qasam ta' l-Iscouts tal-Marsa u ħafna Ħamruniżi oħrajn.

U ta' min wieħed hawnhekk isemmi lis-surmast Antonio Zammit, li għalkemm twieled iż-Żurrieq, għal żmien twil għex il-Ħamrun u għal ħdax-il sena sħaħ (1932-43) kien is-surmast direttur tal-Banda San Gejtanu. Imma dan ukoll ġie jaħdem fil-qasam tal-Marsa. Fl-aħħar ta' ħajtu ġie joqgħod il-Marsa u kien l-ewwel surmast direttur tal-Banda Trinità Qaddisa, fejn dam għaxar snin direttur tagħha. Meta miet, kienet il-Banda Trinità Qaddisa li akkumpanjatu bid-daqq ta' marċi funebri fil-funeral tiegħu sal-Knisja tas-Santissima Trinità.

Ta' min isemmi hawnhekk ukoll il-mibki ex-Segretarju tal-Każin tal-Banda San Gejtanu, Edwin Debono, li meta kien għadu tifel, kien idoqq il-klarinett u kien daqq mal-Banda tal-Marsa, meta ħarġet iddoqq għall-ewwel darba fl-1949. Edwin imbagħad kien miżżewweġ lil xebba minn Triq is-Sajjieda, il-Marsa.

Hemm ħafna nies oħra mill-Marsa li ħadmu l-Ħamrun u nies mill-Ħamrun li ħadmu fil-Marsa u li ma stajtx insemmihom kollha f'dan l-artiklu tiegħi.

## Ir-rabtiet tiegħi mal-Ħamrun

Aħna ż-żgħażagħ tal-Marsa ġeneralment konna nitilgħu nippassiġġaw fit-triq ewlenija tal-Ħamrun, ninnamraw u naraw naqbdux xi tfajla. Iċ-ċinematografi u s-swali tal-Ħamrun kienu l-Mekka tagħna: l-Odeon, it-Trianon, ir-Rex, ir-Radio City u l-ewwel il-Hollywood Park u mbagħad il-Hollywood Theatre. Niftakar li fir-Rex, fejn il-Partit Laburista tal-Ħamrun kien jagħmel ta' kull sena l-Festival tal-Kanzunetti, organizzat mill-magħruf u qalbieni Ċensu Borg, jiena ħafna drabi kont ningħażel biex nagħmel sehem mill-ġurija flimkien ma' oħrajn. Kien ikun hemm ukoll Laurie Bellizzi, oħtu Mary Ripard u oħrajn.

Meta kont għadni iktar żagħżugħ, fl-aħħar tas-snin Erbgħin, niftakar li kont nitla' l-Ħamrun, fil-Każin ta' San Gejtanu, fejn kienu jsiru l-laqgħat tal-Moviment tal-Malti, li kien twaqqaf minn Kelinu Vella Haber u Brother Charles. Dan il-Moviment tal-Malti kellu l-iskop li jxerred it-tagħlim u l-imħabba lejn l-ilsien Malti fost it-tfal. Kien xtered ħafna u twaqqfu fergħat tiegħu f'bosta rħula. Jiena kont waqqaft fergħa tal-Moviment fil-Marsa u konna niltaqgħu fil-Każin tal-Banda Trinità Qaddisa.

Niftakar li darba waħda kienet qamet kwistjoni kbira u taħraq bejn il-mexxej fundatur tal-moviment, Kelinu Vella Haber u l-membri tal-Kunsill A. Mifsud Tommasi, Evarist Saliba u Joe Tanti, u aħna, tal-fergħa tal-Marsa, li magħna kien hemm fost oħrajn Anġlu Dougall, konna ddefendejnihom.

Mifsud Tommasi wara daħal fil-pulizija u sar Supretendent u Deputat Kummissarju; Evarist Saliba daħal fiċ-Ċivil mal-Gvern u wara għamel servizz fl-Uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin. Wara serva wkoll bħala ambaxxatur għal Malta u mbagħad sar ukoll il-kap ta' l-istess uffiċċju ta' l-Affarijiet Barranin. Joe Tanti kien sar teacher u spiżjar. Magħna kien hemm ukoll fost oħrajn Mro. Charles Camilleri, li kien għadu daqsxejn ta' tifel u li kien diġà jdoqq il-piano accordion.

Għandi wkoll rabtiet mal-Każin tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun u tifkiriet tal-laqgħat li kont nattendi tal-Kunsill tal-Malta Band Clubs Association li kellha u għad għandha s-sedi tagħha f'dan il-każin. Dik il-ħabta kont is-Segretarju ta' l-Istampa ta' din l-Assoċjazzjoni. Kien żmien meta waqqafna l-Banda Nazzjonali u għalhekk kelli l-opportunità fil-Każin tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun niltaqa' ma' diversi surmastrijiet ta' dak iż-żmien, bħal Vincenzo Ciappara, Willie Attard, Joseph Abela Scolaro, is-surmastrijiet Brincat u Busuttil ta' Birkirkara, Buttigieg, Antonio Darmanin, Carm. J. Borg u Joseph M. Barbara, fost oħrajn.

Fost id-diriġenti ta' din l-Għaqda tal-Baned kien hemm Mikiel Anġ Delia, il-President, Scicluna minn Tas-Sliema, li kien is-Segretarju u warajh laħaq Publiju Farrugia mir-Rabat u Carmel Dimech ta' Raħal Ġdid li kien il-Kaxxier. Fost il-membri ħabrieka tal-Kunsill kien hemm ukoll Karmenu Grima taż-Żejtun u dak it-Tamlu u Ħamruniż kbir, iżda li kien għamel żmien joqgħod ukoll il-Marsa - Pawlu Debattista. Pawlu tista' tgħid li kien attiv f'kull ħaġa li kien hemm fil-Ħamrun.

## Anton Buttigieg u Dun Frans Camilleri

Fil-Każin tal-Banda San Gejtanu kelli u għad għandi ħafna ħbieb li ħdimt magħhom. Imsemmi fosthom lil Gaspru Buttigieg, illum mejjet, imma li kien ħabrieki ħafna fil-każin u ġej minn familja ta' Tamlin u lil Danny Cacciottolo, li bħalissa hu Assistent Direttur ta' l-Iskola tal-Mużika tal-Każin. Meta konna żgħażagħ konna fl-

army flimkien fuq ir-radar. Magħna kien hemm ukoll Totty Spiteri tal-Każin tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun.

Fost il-ħbieb ħabrieka mill-Każin tal-Banda ta' San Gejtanu li ħdimt magħhom fi żmien iktar qrib lejna, imsemmi lil Karmenu Cassar li kien jaħdem fid-Dipartiment taċ-Ċirkulazzjoni tat-"Times", Joe Taliana fl-Union Press u John Muscat, li għal xi żmien kien Segretarju ta' Taqsima tal-G.W.U. u kien ukoll għal xi żmien Segrearju tal-Każin tal-Banda San Gejtanu. Xi oħrajn, ħbieb tiegħi, jista' jkun li ma semmejthomx.



Is-sur Gaspare Buttigieg...kien ħabrieki ħafna fil-każin.

Imma tnejn mill-Każin San Gejtanu li magħhom kelli l-iktar rabtiet kienu Anton Buttigieg u Dun Frans Camilleri. Anton Buttigieg iltqajt l-ewwel darba miegħu fil-poeżija tiegħu fil-kotba ta' l-iskola. Imbagħad iltqajt miegħu t-"Times", fejn hu kien konsulent legali. Jiena kont mal-ġurnal "Il-Berqa" u niftakar li kont ippubblikajt studju żgħir fuq il-poeżija tiegħu li kien għoġbu ħafna.

Imbagħad erġajt iltqajt miegħu fil-Każin tal-Banda ta' San Gejtanu bħala President u wara erġajt iltqajt miegħu fil-politika fiż-mien imqalleb tas-snin Sittin u s-snin Sebgħin. Ħassejtni ferm onorat meta l-Kummissjoni li kienet inkarigata mill-monument tiegħu fil-Blata l-Bajda, talbitni biex nagħmel id-diskors fl-okkażjoni tal-kxif ta' dak il-monument.

Il-monument juri lil Anton Buttigieg, mitluq bil-qiegħda, bil-ktieb f'idu jaħseb fil-poeżija. Jiena kont nixtiequ bil-wieqfa b'dik persuntu twila u mponenti, bħalma kien hu, meta kien jitkellem fil-meetings tal-Partit tal-Ħaddiema. Imma l-iskultur Anton Agius ma għamlux bil-qiegħda għalxejn. Anton Buttigieg, li kien joqgħod il-Ħamrun, kien jiġi fil-ġnien tal-Blata l-Bajda jistrieħ xi ftit mit-taħbit tal-ħajja.

Naħseb li kien l-eqreb ġnien li seta' jmur fih. Hu kiteb poeżija (sunett) jisimha **"Il-Ġnien tal-Blata l-Bajda"** u hija l-poeżija numru 54 fil-ktieb tal-poeżija tiegħu **"Mill-Gallerija ta' Żgħożiti"**, ippubblikat fl-1945. F'din il-poeżija, Anton Buttigieg, il-Ġnien tal-Blata l-Bajda jsejjaħlu: **Int waqfa ta' mistrieħ tal-ħajja fl-għejja.**

U Anton Buttigieg lil dan il-ġnien jgħidlu:

**"...mija mija**
**tal-bhejjem u tan-nar l-inġenji ġejja**
**u sejra minn ma' ħdejk b'ġirja qawwija".**

Jiena meta erġajt qrajt dan is-sunett u wara li kienu għaddew xi snin minn mindu kien pubblikat, kont ktibt ukoll poeżija jisimha wkoll **"Il-Ġnien tal-Blata l-Bajda"** li kont iddedikajt lil Anton Buttigieg u kont bdejtha hekk:

**"Minn mindu għannejt il-Ġnien tal-Blata l-Bajda,**

għażiż Poeta, dawn l-inħawi nbidlu
u iktar ma baqgħux jingħarfu. Iktar
ma għadhomx kif rajthom int. In-naħa l-oħra
tat-triq, biswit il-ġnien, fejn dari siekta
kienu jistrieħu l-fdal tar-rwieħ insara,
illum telgħet sabiħa d-Dar il-kbira
t'ulied Dun Ġorġ, bil-knisja u l-koppla tagħha,
u fuq il-koppla x-xbieha fuqanija
ta' Kristu ssaltan fuq il-ħidma sfieqa
tan-nies li tgħaddi ta' kuljum minn taħtha.
U taħt il-knisja fejn fl-imgħoddi l-midfen
kien hemm ta' l-erwieħ twajba, hemm il-qabar
li fih illum jistrieħ l-għadam imbierek
tal-bniedem t'Alla...



Dr. Anton Buttigieg jidher qed jintlaqa' l-Każin San Gejtanu mill-ex Segretarju ta' l-Għaqda s-sur Edwin Debono ftit wara li ħa l-ġurament bħala President tar-Repubblika.

U hawnhekk ninsabu fil-ponta fejn żewġ toroq kbar, dik tal-Marsa u dik tal-Ħamrun jidħlu f'xulxin fil-mixja tagħhom lejn il-Belt u jġorru magħhom in-nies li jiġu min-nofsinhar, mix-xlokk, mil-lvant u min-nofs ta' Malta. Hawnhekk ukoll, il-Marsa u l-Ħamrun jiltaqgħu fil-Blata l-Bajda.

## Dun Frans Camilleri

Ħabib kbir ieħor li kelli mill-Każin tal-Banda San Gejtanu kien Dun Frans Camilleri, saċerdot, poeta u għalliem. Il-ħbiberija tiegħi ma' Dun Frans kienet ilha ġejja minn ħafna snin ilu u l-ħidma u l-kollabborazzjoni ta' bejnietna baqgħet sħiħa tul is-snin. L-ewwelnett jenħtieġ li ngħidu mill-ewwel li Dun Frans Camilleri twieled il-Marsa u tgħammed fil-knisja tas-Santissima Trinità, imma kien Ħamruniż b'ruħu u ġismu.

Il-familja tiegħu kienet toqgħod f'dar fi Triq Patri Magri, kantuniera ma' Triq il-Farfett. Missieru kien Ġanni ta' l-Isqof, imlaqqam hekk għax kien jaħdem il-Kurja ta' l-Isqof u ommu kien jisimha Ġużeppa. Kellhom għadd ta' tfal, fosthom wieħed ieħor mis-subien, x'aktarx il-kbir kien Dun Ġużepp Camilleri, li kien iservi fil-parroċċa ta' Stella Maris ta' Tas-Sliema.

It-tnejn kienu s-Seminarju ta' Malta u kien hawnhekk, fis-Seminarju fl-1939, li kont iltqajt għall-ewwel darba ma' Dun Frans Camilleri. Imbagħad erġajt iltqajt ma' Dun Frans ir-Rabat, fi żmien il-gwerra, fejn il-familja tiegħu kienet telgħet u jiena kont noqgħod man-nanniet tiegħi. Bħala seminaristi konna nservu fil-knisja ta' San Pawl u konna wkoll nattendu għal-laqgħat li kien jagħmlilna dak iż-żmien dak il-kappillan dħuli u simpatiku li kellhom ir-Rabtin, Dun Anton Buhagiar.

Fir-Rabat min jaf kemm għamilna mixjiet twal fil-kampanja, jiena u Dun Frans u sħabna oħrajn. Dun Frans kien iħobb il-kampanja u kienu jiġbduh is-siġar, ix-xtieli u l-fjuri u ġabar ix-xbiehat tagħhom mhux biss fil-poeżija, imma fil-mijiet u mijiet ta' ritratti li ħa tul ħajtu kollha.

Ma' Dun Frans erġajt iltqajt fil-karriera ġurnalistika tiegħi, l-ewwel ħ̃eta kont mal-ġurnal "Il-Berqa" u wara bħala editur ta' "L-Orizzont" u amministratur fil-Union Press. Fis-snin Ħamsin, meta kont Features Editor u kont nieħu ħsieb il-Paġna tal-Films tal-ġurnal, Dun Frans kien iġibli l-aħbarijiet u ritratti dwar dak il-Ħamruniż kbir ieħor, Oreste Kirkop, li dik il-ħabta kien qed jagħmel isem fl-opra barra minn Malta u speċjalment f'Hollywood.



Is-sur Ugo Mizzi, Dr. John Buttigieg, Dr. Anton Buttigieg u Dun Frans Camilleri waqt riċeviment tal-Festa li nżamm fil-Każin ta' l-Għaqda tal-Mużika San Gejtanu.

Tista' tgħid li Dun Frans kien il-P.R.O. ta' Oreste Kirkop f'Malta. Kien ħabib kbir tiegħu u kien isegwi l-karriera ta' Kirkop il-ħin kollu, mhux biss meta kien qed jaħdem il-film **The Vagabond King** imma tul il-karriera operistika tiegħu fl-Ingilterra, fl-Amerika u f'pajjiżi oħra.

Dak iż-żmien kien hawn tenur ieħor li kien qed jagħmel isem fid-dinja tal-films - Mario Lanza. Wieħed kien ma' kumpanija tal-films u ieħor kien ma' kumpanija oħra u kien hemm daqsxejn tal-pika, jekk mhux bejn iż-żewġ tenuri, imma bejn iż-żewġ kumpaniji tal-films. U jiena li kont insegwi u kont qed naqra u nara x'kien qed jiġri, niftakarni wkoll nikkummenta u ngħid li Mario Lanza kien tenur ta' saħħa u ta' forza fil-vuċi tiegħu, imma Oreste kien tenur ta' grazzja u kellu vuċi isbaħ.

Ma' Dun Frans komplejt niltaqa' wkoll meta mill-Berqa għaddejt għat-Torċa fil-Union Press u wara sirt editur ta' "L-Orizzont". Dun Frans kien jiġi sikwit fl-uffiċċju tiegħi u noqgħodu nitkellmu u kien jiġi wkoll minħabba x-xogħol tiegħu fil-Kummissjoni Emigranti. Hu kien jemmen fil-qawwa ta' l-istampa. Kellu l-konvinzjonijiet tiegħu iżda kien jesprimihom bil-prudenza u b'dik id-dixxiplina, maturità u moderazzjoni li trabba fihom. Hu kien ħabib, iħobb il-familja, iħobb l-ilsien Malti, iħobb il-Knisja u jħobb lil pajjiżna.

L-aħħar waqtiet ta' ħajtu kienu diffiċli, l-aktar meta tilef id-dawl. Nixtieq hawnhekk nagħlaq it-tislima lil Dun Frans bil-kliem li kont ktibt fi "It-Torċa" wara mewtu u b'dawk l-istess kliem li silta minnhom kienet dehret fil-Ktieb tal-Festa tal-Banda San Gejtanu tal-1991: **"Dun Frans dan l-aħħar kien tilef id-dawl t'għajnejh u baqa' sejjer iktar lura. Meta ġralu hekk, hu li kien poeta u kien tant jithenna u jitgħaxxaq bid-dehriet tal-ħolqien u li ħallielna kwadri sbieħ tagħhom fil-poeżija tiegħu u fir-ritratti li huwa ħa, għax Dun Frans kellu wkoll fih l-arti tal-fotografija...**

**Xtaqt immur narah l-isptar imma ma flaħtx immur...Ma ridtx narah f'dik is-sura, jiena li nafu lvent, kollu ħajja, dejjem b'dik it-tbissima fuq fommu, għaddej**

**mit-triq ewlenija tal-Ħamrun, isellem lil kulħadd, mill-knisja għad-dar, mid-dar għall-Każin tal-Banda San Gejtanu, fejn huwa kien id-Direttur Spiritwali, il-każin li kien it-tieni dar tiegħu".**

## L-istedina tal-Ħamrun Liberty A.S.C.

Għal dawn l-aħħar sentejn jew tlieta, il-Ħamrun Liberty A.S.C. stiednu lill-Banda tagħna Trinità Qaddisa sabiex tagħmel marċ mill-Blata l-Bajda sa Triq Camelia, fejn il-Ħamrun Liberty għandhom il-każin tagħhom u fejn ħafna nies mill-Marsa huma attivi fih. Imbagħad il-Banda tinżel fi Triq Zimelli għar-repò, imbagħad terġa' tifforma ruħha fit-triq ewlenija tistenna l-vara ta' San Gejtanu. Din is-sena, bi ftehim ma' kull naħa, il-Banda Trinità Qaddisa se tkompli takkumpanja l-vara ta' San Gejtanu sat-triq tas-suq.

Aħna nħossuna onorati bl-istedina u nieħdu pjaċir nieħdu sehem u nitilgħu nđoqqu fil-festa ta' San Gejtanu, għaliex aħna tal-Marsa, din il-festa nqisuha wkoll bħala l-festa tagħna u ħafna u ħafna nies mill-Marsa jitilgħu għaliha, għall-marċ grandjuż ta' filgħodu u għall-purċissjoni ta' filgħaxija.

Għalhekk, kif rajna u qiegħdin naraw ir-rabtiet bejn il-Marsa u l-Ħamrun u r-rabta tiegħi mal-Ħamrun kienu kbar fl-imgħoddi u għadhom hekk sal-lum sħaħ għax aħna ġirien u jiena nixtieq u nawgura li r-relazzjonijiet ta' bejnietna jibqgħu sbieħ u tajbin fis-snin li ġejjin. Nawgura lill-Ħamruniżi kollha l-Festa t-tajba.


CAMILLERI
MARBLE WORKS LTD.

Għal xogħol ta' monumenti, turġien, skirting, granit, resin u kumenti llustrati bil-makna
bi prezzijiet moderati.



FACTORY & SHOWROOM
TARXIEN ROAD
GUDJA.
Tel: 696571